PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

21.6.2007

DOKUMENT TA' ĦIDMA

dwar il-liġi applikabbli fi kwistjonijiet matrimonjali

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Evelyne Gebhardt

I. L-isfond u l-għan tal -proposta

L-għan ta' din il-proposta għal regolament huwa li jiġi stabbilit qafas ġuridiku ċar u komprensiv li jkopri *kemm* regoli relatati mal-ġurisprudenza, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi rigward kwistjonijiet matrimonjali, *kif ukoll* regoli relatati mal-liġi applikabbli, billi, fuq kollox, jiġi introdott ċertu ammont ta' awtonomija tal-partijiet. Din il-proposta hija reazzjoni għall-ordni tal-Kunsill Ewropew li, f'Novembru 2004, stieden lill-Kummissjoni biex fl-2005 tissottometti *Green Paper* dwar ir-regolamentazzjoni tal-kunflitti li jinħolqu bejn il-liġijiet relatati mad-divorzju, u li tiġbor fiha r-riżultat ta' din il-konsultazzjoni wiesgħa.

Din il-proposta hija innovattiva fiha nnifisha peress li għalkemm l-ewwel strumenti Komunitarji adottati fil-qasam tal-liġi tal-familja, ir-Regolament (KE) Nru 1347/2000 tal-Kunsill[1] u r-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill[2] – li jirrevoka u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 tal-Kunsill mill-1 ta' Marzu 2005- kienu jistabbilixxu regoli relatati mal-ġurisprudenza, ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fir-rigward ta' kwistjonijiet matrimonjali kif ukoll ta' sentenzi dwar ir-responsabiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi mogħtija fil-kuntest ta' proċedimenti matrimonjali, ma kinux jittrattaw il-kwistjoni dwar ir-regoli relatati mal-liġi applikabbli.

Għalhekk, sal-lum, koppja "internazzjonali" li tixtieq tiddivorzja hija suġġetta għar-regoli tal-ġurisprudenza tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 (imsejjaħ "Brussell II *bis*") li jippermetti lill-konjuġi l-għażla bejn diversi kompetenzi alternattivi. Peress li proċediment ta' divorzju jitressaq quddiem il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, il-liġi applikabbli hija għalhekk determinata fuq il-bażi tar-regoli tal-kunflitt tal-liġijiet ta' dak l-Istat. Madankollu, dawn ir-regoli nazzjonali tal-kunflitt tal-liġijiet huma differenti għalkollox.

It-taħlit flimkien ta' dan in-nuqqas ta' qbil fil-livell tar-regoli nazzjonali tal-kunflitti tal-liġijiet u d-dipożizzjonijiet Komunitarji attwali rigward l-attribuzzjoni tal-ġursiprudenza jista' jiġġenera għadd ta' problemi fil-każ tad-divorzji "internazzjonali". Minbarra n-nuqqas ta' sigurtà ġuridika, li jirriżulta mid-diffikultà għal dawk il-konjuġi biex jiddeterminaw liema liġi se tapplika għall-każ tagħhom[3], se jinħoloq ir-riskju li l-Kummissjoni tikkunsidra bħala riskju reali, ta' "l-għażla lejn il-Qorti", espressjoni li tiddeskrivi s-sitwazzjoni fejn il-parti l-iktar infurmata mill-konjuġi se tipprova tagħżel l-ewwel hi l-ġurisdizzjoni li tħares l-iktar l-interessi tagħha. Barra minn hekk, iċ-ċittadini Komunitarji li jirrisjedu f'pajjiż terz jista' jkollhom diffikultajiet sabiex isibu l-ġurisprudenza kompetenti fir-rigward tad-divorzju u sabiex l-Istat ta' l-oriġini rispettiv tagħhom jirrikonoxxi ġudizzju ta' divorzju li jkun għadda pajjiż terz.

Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tillimita dawn ir-riskji u li timmitiga dawn in-nuqqasijiet, partikolarment billi tintroduċi l-possibiltà għall-partijiet li jagħżlu bi ftehim komuni l-ġurisdizzjoni kompetenti u l-liġi applikabbli. B'dan hija tkun qiegħda tirreaġixxi għar-realtà ċara tal-mobilità li qiegħda tkompli tiżdied, taċ-ċittadini fl-Unjoni Ewropea li

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1347/2000 tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 2000 dwar il-ġursidizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabiltà tal-ġenituri għall-ulied taż-żewġ konjuġi, ĠU L 160 tat-30.6.2000, p. 19.

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġursidizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji ta' responsabiltà tal-ġenituri li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000, ĠU L 338 tat-23.12.2003, p. 1.

[3] Għal iktar dwar dan ara d-dokument SEC (2006) 949 tas-17.7.2006, p. 5

wasslet għal żieda fiż-żwiġijiet, u għalhekk fid-divorzji "internazzjonali" jiġifieri fejn il-konjuġi huma ta' nazzjonalità differenti jew jgħixu fi Stat Membru li huma m'humiex ċittadini tiegħu[1].

II. L-analiżi tad-dispożizzjonijiet tal-proposta

Artikolu 3 a: L-għażla ta' qorti mill-partijiet fil-proċedimenti relatati ma' divorzju u separazzjoni legali

Dan l-Artikolu jintroduċi l-possibiltà għall-konjuġi li jagħżlu bi ftehim komuni, il-ġurisdizzjoni kompetenti fil-proċediment ta' divorzju tagħhom. Bla dubju ta' xejn, dan joffri l-vantaġġ taż-żieda fl-ammont ta' awtonomija tal-partijiet u jippermettilhom li jagħżlu liberament, skond ċerti kriterji ta' rabtiet mill-qrib, il-ġurisdizzjoni li huma għandhom rabtiet sostanzjali magħha.

Ir-rapporteur hija tal-fehma li d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu jqajmu diversi osservazzjonijiet.

L-ewwelnett, jeħtieġ li jkun żgurat li l-kriterji ta' rabtiet mill-qrib ikunu sodi biżżejjed u fformulati b'mod preċiż, mingħajr ma jkollhom karattru restrittiv bla bżonn.

F'dan ir-rigward, ta' min wieħed jistaqsi lilu nniffsu jekk huwiex il-każ li tiġi introdotta definizzjoni tal-kunċett ta' "residenza abitwali komuni", li tidher taħt il-punt b), definizzjoni li ma tinsabx fl-istrument preżenti. Jekk hekk huwa l-każ, jeħtieġ li jiġu evalwati l-elementi li għandhom jitqiesu biex tiġi fformulata definizzjoni bħal din, u li skond ir-rapporteur, jistgħu jmorru lilhinn mill-fatti oġġettivi biex jinkludu l-intenzjonijiet tal-partijiet li jagħtu jew le, karattru permanenti għar-residenza tagħhom, jew ta' l-anqas fit-tul.

Rigward il-kriterju taż-żmien introdott fil-punt b), jidher li hu xi ftit jew wisq arbitrarju, u għalhekk fil-fatt jinsabu kriterji ta' perjodu ta' żmien differenti f'Artikoli oħrajn[2]. Meta jitqies li fil-punt b) il-kunċett ta' "residenza abitwali komuni" diġà għandu karattru restrittiv permezz taż-żieda tat-terminu "l-aħħar", ta' min jistaqsi jekk dan il-kriterju addizzjonali taż-żmien huwiex neċessarju. Jekk hekk huwa l-każ, jeħtieġ li jiġi vverifikat jekk il-perjodu ta' tliet snin previst fil-proposta huwiex iġġustifikat.

Barra minn hekk, l-għan huwa li l-għażla li jagħmlu l-partijiet tkun għażla infurmata, jiġifieri li l-konjuġi jkunu ġew infurmati kif meħtieġ dwar ir-riperkussjonijiet marbuta ma' l-għażla tagħhom. F'dan ir-rigward, huwa meħtieġ li jkun żgurat bl-aħjar mod li l-informazzjoni kompluta u affidabbli tiġi kkomunikata lill-firmatarji tal-konvenzjoni attribwita għall-ġurisdizzjoni qabel l-iffirmar ta' l-att.[3] Bl-istess mod jeħtieġ ukoll li l-aċċess għall-informazzjoni jkun garantit indipendetement mill-qagħda finanzjarja ta' kull parti mill-konjuġi, pereżempju permezz tas-servizzi ta' konsultazzjoni u ta' għajnuniet għall-ispejjeż

[1] Sabiex tingħata stampa ċara ta' dan, ta' min jinnota li attwalment ir-rata tad-divorzji internazzjonali hija l-għola fl-Estonja (78%), filwaqt li hija ta' madwar 50% fil-Lussemburgu, fl-Olanda u fl-Iżvezja, u ta' 25% fil-Belġju, fil-Repubblika Federali tal-Ġermanja, fil-Finlandja u fil-Portugall. (SEC(2006) 949 tas-17.7.2006, p. 8.

[2] Ara b'mod partikolari l-Artikolu 20 a, punt c)

[3] L-intervent ta' nutar seta' kien alternattiva valida li kieku l-pajjiżi kollha jirrikonoxxu dan it-tip ta' professjoni, li m'huwiex il-każ.

marbuta mal-proċediment kif diġà jeżistu f'ċerti Stati Membri. Barra minn hekk, dan japplika wkoll bl-istess mod u partikolarment għall-Artikolu 20 a, li jikkonċerna l-għażla tal-liġi applikabbli mill-partijiet.

Artikolu 20 a: L-għażla tal-liġi mill-partijiet

Ta' min jinnota li l-Artikolu preżenti ma jistax jitqabbel ma' l-Artikolu 3 (ara hawn fuq). Fil-fatt, fejn l-Artikolu 3 a jistabbilixxi l-kriterju ta' "l-aħħar residenza abitwali komuni tal-konjuġi għal mill-inqas tliet snin", l-Artikolu 20 a jsemmi "il-liġi ta' l-istat fejn il-konjuġi għexu għal mill-imqas ħames snin". L-estensjoni fil-perjodu ta' residenza donnha tindika li hemm tendenza li tingħata iktar importanza lir-rabta ma' l-Istat ta' residenza ta' qabel fil-każ ta' l-għażla tal-liġi applikabbli li għandha implikazzjonijiet iktar importanti milli fil-każ ta' l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti. Madankollu, il-fatt li tispiċċa r-restrizzjoni imposta bit-terminu "l-aħħar" imur fid-direzzjoni opposta, b'tali mod li b'mod ġenerali, l-intenzjoni tal-Kummissjoni tibqa' vaga.
Konsegwentement, titqajjem l-istess mistoqsija bħal fil-każ ta' l-Artikolu 3 a iktar 'il fuq : hemm għalfejn jiġi introdott f'dan il-każ preżenti, il-kunċett ta' "l-aħħar" residenza abitwali komuni; u l-kriterju tal-perjodu ta' żmien previst fil-proposta huwa adegwat?

Rigward il-firxa ta' kriterji ta' l-għażla proposti biex tkun determinata l-liġi applikabbli, hija ħaġa sorprendenti li fil-lista ma tidhirx il-liġi ta' l-Istat li permezz tagħha ġie konkluż il-kuntratt taż-żwieġ. Anki jekk jidher li l-Istati Membri ma jipprevedux kollha kemm huma dispożizzjonijiet simili fir-rigward tal-konklużjoni ta' kuntratt taż-żwieġ, iċ-ċittadini ta' l-Istati li fihom hija prevista l-konklużjoni ta' kuntratt bħal dan jistgħu jingħataw il-possibiltà li jagħmlu referenza għal-liġi ta' dan l-Istat fil-mument li fih ikun qed iseħħ id-divorzju, u dan jippreżenta vantaġġ ċar ta' koerenza u ta' prevedibiltà.

Hawnhekk ta' min jerġa' jinnota l-importanza li tingħata informazzjoni preċiża u kompluta lill-konjuġi rigward il-konsegwenzi ta' l-għażla tagħhom tal-liġi applikabbli fil-każ ta' divorzju, peress li hemm differenzi konsiderevoli fil-leġiżlazzjonijiet ta' l-Istati Membri dwar diversi punti bħalma huma r-raġunijiet u l-forom tad-divorzju, il-kundizzjonijiet ta' kif jista' jinkiseb divorzju, il-perjodu meħtieġ għas-separazzjoni u aspetti determinanti oħra għall-proċediment. Barra minn hekk, meta jitqies li d-dritt ma jinbidilx, jista' jagħti l-każ li konvenzjoni li tindika l-liġi applikabbli ffirmata fi żmien partikolari ma tibqax tikkorrispondi għall-aspettattivi leġittimi tal-partijiet fil-waqt meta din għandha tipproduċi l-effetti tagħha, peress li l-leġiżlazzjoni ta' l-Istat ikkonċernat sadanittant tkun ġiet emendata. Għalhekk dan ifisser li f'kull każ jeħtieġ ikun previst mekkaniżmu li jiżgura li l-partijiet se jinżammu infurmati b'kull tibdil li jseħħ fil-liġi li l-konjuġi jkunu għażlu, u tingħatalhom il-possibiltà, jekk ikun il-każ, li jerġgħu lura minnha. Fl-aħħarnett, ta' min jinnota li f'ċerti Stati Membri bħal pereżempju l-Belġju u l-Ġermanja[1] jew Franza, huwa meħtieġ li l-konsegwenzi tad-divorzju jiġu eżaminati u rregolati fl-istess waqt tad-divorzju b'tali mod li l-konjuġi, meta qed jagħżlu l-liġi applikabbli għad-divorzju, jagħżlu f'ċerti każijiet *de jure* u *de facto* dik li

[1] Fil-Ġermanja, il-Maġistrat ta' l-affarijiet tal-familja jeżamina b'mod konġunt it-talba għal divorzju u l-kwistjonijiet sekondarji li jitqajmu sa l-iskadenza u fi ħdan ir-regoli fil-prinċipju fl-istess ħin tal-kwistjonijiet in ġenerali. Bħala regola ġenerali, id-divorzju ma jistax jingħata jekk il-kwistjonijiet sekondarji ma jkunux irregolarizzati (ara d-dokument tal-Kunsill 88839/00, p. 67)

tapplika għal kwistjonijiet li jissejħu "sekondarji", imma li fil-fatt huma essenzjali, bħalma huma l-konsegwenzi fuq il-proprjetà li jġib miegħu d-divorzju (alimenti, il-qsim tal-beni komuni, l-għoti tar-residenza tal-familja, l-obbligi ta' manteniment tat-tfal) [1]. Ir-rapporteur tixtieq tiġbed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jiġu ċċarati r-rabtiet bejn il-proposta preżenti għal regolament u dik relatata ma' l-obbligi ta' l-alimenti li bħalissa qed jiġu evalwati[2].

Artikolu 20 b: Il-liġi applikabbli fin-nuqqas ta' għażla mill-partijiet

Dan huwa Artikolu ewlieni fl-istrument ta' dan ir-regolament preżenti, u li jirrifletti l-għażliet kruċjali li għandha tagħmel il-Kummissjoni wara konsultazzjoni bbażata fuq il-*Green Paper*. Jidher evidenti li l-Kummissjoni fil-proposta tagħha taqbel ma' dawk l-Istati li, f'każ ta' divorzju "internazzjonali", jiddeterminaw il-liġi applikabbli skond skala ta' kriterji li huma maħsuba biex jiżguraw li tiġi applikata l-liġi li magħha l-konjuġi l-iktar li għandhom rabtiet mill-qrib. Meta qed tagħmel dan, il-Kummissjoni qed titbiegħed minn sistema pprattikata minn kategorija oħra ta' Stati li japplikaw b'mod sistematiku l-liġi domestika ("*lex fori*").

Għalhekk, l-ewwel mistoqsija li titqajjem hi jekk din l-għażla hijiex prudenti, jew jekk għandhiex tkun iddubitata.

Fil-fatt, f'din il-proposta, l-applikazzjoni tal-liġi domestika, jiġifieri dik ta' l-Istat tal-ġurisprudenza magħżula, tissemma biss bħala l-aħħar għażla fil-punt d). Jekk wieħed iqis li din il-prattika, li probabbilment hija l-inqas waħda problematika għall-qrati magħżula – li jistgħu jgħaddu ġudizzju bbażat fuq il-liġi li għandhom għarfien tagħha, u mhux fuq liġi li m'humiex familjari magħha[3] – għandha tkun ir-regola u mhux l-eċċezzjoni, dan ikun ifisser li jeħtieġ jiġu emendati d-dispożizzjonijiet ta' din il-proposta għal regolament billi l-kriterju msemmi fil-punt d) isir il-kriterju predominanti. Fin-nuqqas ta' ordni ġerarkika bejn il-kriterji ta' l-Artikolu 3 tar-Regolament imsejjaħ Brussell II bis li tindika t-tribunal kompetenti, jista' jinħoloq ir-riskju li tiġi msaħħa t-tendenza għall-"għaġla lejn il-Qrati" li l-proposta tal-Kummissjoni qed tipprova tevita. Fil-fatt "għaġla lejn il-Qrati" bħal din ma tkunx aċċettabbli. Konsegwentement, soluzzjoni oħra tista' tkun dik ta' l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-kriterji ta' l-għażla tal-ġurisdizzjoni kompetenti li jissemmew fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003, biex tiġi stabbilita ordni ġerarkika bejniethom u li jkun previst fir-Regolament il-ġdid li tiġi applikata l-liġi ta' l-Istat li fih tkun tressqet it-talba (bħalissa l-punt d). Din l-alternattiva toffri l-vantaġġ tas-sempliċità, tal-koerenza u tal-prevedibiltà, iżda ma tiżgurax li l-liġi applikabbli tkun dik li magħha l-konjuġi għandhom l-iktar rabtiet mill-qrib, u għalhekk iġġib magħha l-inkonvenjent ta' stretezza kbira.

Jekk fuq in-naħa l-oħra wieħed iqis, bħall-Kummissjoni, li fil-proċediment tad-divorzju, għandha tiġi applikata l-liġi ta' l-Istat li miegħu l-konjuġi għandhom l-iktar rabtiet mill-qrib, ta' min jistaqsi jekk l-ordni li fih il-Kummissjoni tippreżenta dawn il-kriterji huwiex adegwat, u jekk il-lista ta' kriterji għandhiex titqassar, jew tiġi kkompletata.

---

[1] L-għażla infurmata hija importanti ħafna għall-parti li l-qgħda finanzjarja tagħha tkun dgħajfa l-iktar meta l-għażla tal-liġi applikabbli timplika l-esklużjoni tal-vantaġġi bħalma huma, fil-każ tal-liġi Ġermaniża, il-possibilità tal-qsim tal-pensjoni li jkunu kisbu l-konjuġi.

[2] Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi u l-kooperazzjoni fir-rigward ta' l-obbligi ta' l-alimenti – COM (2005) 649 finali tal-15/12/2005

[3] Dan jirreferi għal aspett li skond il-fehma tar-rapporteur, għandu jiġi ċċarat minn dawk li jipprattikaw il-liġi, fil-fatt mill-maġistrati, fuq il-bażi ta' l-esperjenza tagħhom.

Hemm ħafna alternattivi f'dan ir-rigward : għażla li wieħed jista' jikkunsidra fil-fatt hija li l-kriterju tan-nazzjonalità komuni li jissemma fil-punt c) jista' jitpoġġa qabel dawk marbuta mar-residenza. Madankollu dan jista' jkollu effett multiplikatur tal-każijiet fejn trid tiġi applikata liġi barranija. Bl-istess mod, alternattiva oħra tista' tkun li l-kriterju tar-residenza abitwali komuni tal-konjuġi msemmi fil-punt a) jkun marbut ma' perjodu ta' żmien, jew li l-liġi ta' l-Istat fejn ġie konkluż il-kuntratt taż-żwieġ tissemma bħala alternattiva, għal dawk l-Istati li jafu s-sistema.

Jista' jkun previst ukoll li tiġi applikata regola bbażata l-ewwelnett fuq il-liġi domestika, madankollu għandhom jiġu previsti eċċezzjonijiet stretti li jippermettu li parti mill-konjuġi tista' tirrikjedi l-applikazzjoni ta' liġi barranija li magħha l-konjuġi jkollhom rabtiet mill-qrib. Regola bħal din toffri l-vantaġġ li jiġu kkumbinati s-sistemi diversi magħrufa.

Bil-proposta kif inhi bħalissa, tista' tinħoloq is-sitwazzjoni fejn żewġ partijiet mill-Latvja li bdew jgħixu ftit ilu fil-Belġju, fejn huma għandhom ir-residenza abitwali komuni, u fejn parti minnhom tressaq il-każ għad-divorzju quddiem tribunal Latvjan[1], ikollhom japplikaw il-liġi Belġjana u t-tribunal Latvjan ikun kostrett jirreferi għaliha skond l-Artikolu 20 b. Sitwazzjoni paradossali bħal din għandha twassal għal riflessjoni.

Artikolu 20 e: Politika pubblika

Ir-rapporteur hija tal-fehma li l-klawżola tal-politika pubblika kif inhi fformulata fil-proposta tal-Kummissjoni hija vaga wisq u tista' minħabba f'hekk, tagħti lok għal interpretazzjonijiet wiesgħa wisq. Bit-test attwali tagħha, din il-klawżola vaga qed toħloq inċertezza għall-applikant, li jkollu raġun jemmen, f'ċerti każijiet, li t-tribunali domestiċi jirrifjutaw li japplikaw il-liġi tal-pajjiż li tiegħu l-applikant huwa ċittadin billi jinvokaw il-politika pubblika.

Hemm lok għal dubji fir-rigward ta' l-użu li jista' jsir minn klawżola bħal din fil-każ ta' żwieġ iċċelebrat b'mod legali bejn persuni ta' l-istess sess, meta huwa fatt magħruf li żwiġijiet bħal dawn m'humiex possibbli fl-Istati Membri kollha. Konsegwentement, jeħtieġ li l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, stabbilit sewwa fis-suq intern, jiġi rrikonoxxut bl-istess mod sod fil-qafas ta' dan ir-Regolament b'tali mod li kull żwieġ konkluż fi Stat Membru jkun irrikonoxxut bħala tali fi Stat Membru ieħor. Il-kunċett ta' politika pubblika għandu jkun definit aħjar biex jippermetti fuq in-naħa l-waħda, li titqies il-liġi kif definita fl-Istati Membri – ovvjament b'rispett għat-Trattati li jirregolaw l-Unjoni Ewropea - , u fuq in-naħa l-oħra li tiġi evitata kull diskriminazzjoni.

Bl-istess mod, jistgħu jitqajmu dubji dwar jekk il-kunċett tal-politika pubblika jistax jiġi estiż għall-kunċett ta' "divorzju minħabba ħtija", li mhux jew m'għadux rikonoxxut minn għadd ta' Stati Membri u li jippenalizza ħafna l-parti li jkollha l-ħtija billi jkollha ssofri minn sanzjonijiet fuq il-proprejtà (bħalma hu t-telf tal-pensjoni ta' l-alimenti, jew it-telf tal-vantaġġi matrimonjali li tkun ikkonsentiet il-parti "ta' bla ħtija").

[1] Skond l-Artikolu 3, paragrafu 1 b) tar-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabiltà tal-ġenituri

III. Konklużjoni

L-għan ta’ dan ir-Regolament huwa li jsib risposta għall-problemi li qed jiffaċċjaw iktar ta' spiss iċ-ċittadini li ddeċidew li jgħixu l-moviment ħieles fl-Unjoni Ewropea, li jiggarantixxi kemm is-siġurtà ġuridika kif ukoll ċertu ammont ta’ flessibiltà fis-soluzzjonijiet proposti fil-każ ta’ divorzju.

Huwa indispensabbli li ċ-ċittadini ta’ l-Unjoni Ewropea jkunu jistgħu jgawdu b’mod sħiħ mid-drittijiet ċivili li jagħtihom mhux biss il-pajjiż ta' l-oriġini tagħhom, iżda anki l-pajjiż li tiegħu huma għandhom in-nazzjonalità jew li jgħixu fih. Iżda huwa importanti li huma jkunu jistgħu jibbenefikaw kemm mid-drittijiet li joħorġu mill-*acquis communautaire*, kif ukoll minn dawk iddikjarati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea.